XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI XEWKIJA***
***LAQGĦA NRU 396***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 24***
***L-Erbgħa 19 ta' Awwissu, 2009***

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fil-5.15pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Dr. Marthese Portelli*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużat:* *Mr. Teddy Mizzi*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 395 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

## 1. Laqgħa ma' KIP Għawdex Ltd

F'dan il-ħin fil-kamra tal-laqgħat daħlu Laurie Zammit u Raymond Mercieca (f'isem KIP Għawdex Ltd) li talbu biex jiddiskutu mal-Kunsill dwar is-servizz ta' ġbir ta' skart fix-Xewkija.

Laurie Zammit qal li l-KIP Ghawdex Ltd jinsabu diżappuntati li l-Kunsill implimenta d-defaults (ta' 5%) fl-aħħar żewġ kontijiet. Huwa ta x'wieħed jifhem li ma kienux infurmati li l-Kunsill se jagħmel id-defaults. Huwa ammetta li s-servizz qed jibda qabel il-ħin stipulat fuq l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta. Huwa qal li għandhom żewġ problemi biex ikunu jistgħu jimxu skond l-ispeċifikazzjonijiet. L-ewwel waħda hija li jekk jibdew aktar tard (fit-8.00am) huma ser ikollhom problemi ma Kunsilli Lokali oħra. It-tieni problema hija li l-ħaddiema jibdew xogħol kmieni u għalhekk jekk jibdew fit-8.00am, dawn ser ikollhom joqgħodu ma jagħmlu xejn u jistennew li ssir it-8.00am. Huwa staqsa jekk hemmx ilmenti li l-iskart tħalla ma nġabarx. Huwa qal ukoll li wara t-8.00am f'xi inħawi jgħaddi t-trakk iż-żgħir.

Il-Kunsill qabel li l-problemi li semma' Laurie Zammit għandhom jiġu solvuti mill-kumpanija stess. Lanqas huwa ġustifikat li biex ma jilmentax Kunsill Lokali ieħor, is-servizz lir-raħal tagħna ma jingħatax kif mitlub. Dwar id-defaults, is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li kienu saru diversi laqgħat mal-kuntrattur u anke baghatna diversi ittri fejn ninfurmawhom li jekk mhux ser jimxu mal-ispeċifikazzjonijiet kienu se jittieħdu passi fosthom isiru defaults. L-aħħar twissija saret f'April li għadda. Din il-problema ta' x'ħin jibda l-ġbir ta' skart qatt ma ssolviet u l-kuntrattur dejjem beda kmieni għall-ħabta tas-7.00am minkejja it-twissijiet minn naħa tal-Kunsill u minkejja li l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt jitolbu li jibda s-servizz fit-8.00am.

Kawża ta' dan il-Kunsill dejjem baqa' jirċievi ħafna ilmenti minn għand ir-residenti. Għalhekk il-kuntrattur ma jistgħax jgħid li ma kienx infurmat b'dawn id-defaults.

Laurie Zammit talab li jintlaħaq kompromess dwar din is-sitwazzjoni li tkun aċċettabbli għaż-żewġ naħat. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar din il-problema u qabel li flokk fit-8.00am, is-servizz jista' jibda fis-7.30am. Il-kuntrattur qabel ma' din il-proposta u għalhekk sar qbil li l-ġbir tal-iskart fix-Xewkija jibda fis-7.30am.

## 2. Tiġdid ta' kuntratt – Contracts Manager (A&CE)

Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kuntratt li l-Perit John Saliba għandu mal-Kunsill dwar Contracts Manager. Il-Kunsill qabel li dan għandu jiġġedded għal sena oħra u għalhekk ikun jagħlaq fit-30 ta' Settembru 2010.

## 3. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nr. 6-17

## 4. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa

**Mill-Korrispondenza**

i. Memo 48/2009 titratta dwar skema ta' fondi speċjali. Il-Kunsill iddiskuta dwar xi proġetti nistgħu napplikaw għalihom. Il-Kunsill qabel li kull min ikollu xi suġġeriment għandu jikkuntattja lis-Segretarju biex timtela l-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li nistgħu napplikaw dwar il-proġett ta' latrina pubblika ġdida fil-playing field ta' Triq Ħamrija.

ii. Is-Segretarju tal-Action Committee dwar il-Park Reġjonali ta' Mġarr ix-Xini nforma lill-Kunsilli Lokali ta' Sannat u Xewkija bi stimi dwar trattament ta' konservazzjoni dwar l-affarijiet li nstabu f'Għar ix-Xiħ u f'Ta' Loġa u dwar analażi tal-muniti li nstabu waqt l-iskavar li qed isir. L-istimi huma ta' akkomodazzjoni għal Dr Suzanne Frey Kupper li ser tanalizza l-muniti li nstabu. Din l-istima hija ta' €40 għal kull lejl (għal sebat iljieli). L-istima l-oħra hija ta' Mr Frank Chetcuti li ser jagħmel ix-xogħol meħtieġ biex issir il-konservazzjoni tal-affarijiet misjuba. L-istima hija ta' €300. Dawn l-ispejjeż jinqasmu bejn iż-żewġ Kunsilli. Il-Kunsill qabel li għandna naċċettaw dawn l-istimi biex ikun jista' jsir ix-xogħol meħtieġ.

iii. L-ADT approvat diversi proposti li kien għamel il-Kunsill dwar it-traffiku fix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li jordna x-xogħlijiet meħtieġa biex jeħlu t-tabelli u jsiru l-marki tat-traffiku li ġew approvati. L-ADT m'approvatx il-proposti dwar Triq Santa Katerina biex issir 'One way' u lanqas approvat biex issir 'roundabout' fi Triq Ta' Ġokk.

iv. Is-Surmast tal-iskola primarja ssuġġerixxa sabiex triq fix-Xewkija tissemma għall-iskola peress li se tagħlaq 150 sena. Huwa ssuġġerixxa xi ismijiet bħal Triq t-Tfal, Triq it-2 ta' Diċembru 1861, Triq il-150 Anniversarju jew Triq it-Tagħlim. Il-Kunsill qabel li meta tkun se tissemma xi triq ġdida, nipproponu dawn l-ismijiet lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq.

v. Wise Owl Publication għamlu offerta lill-Kunsill biex jixtri b'€200 kotba u huma jagħtu b'€100 kotba b'xejn. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu użu minn din l-offerta u nixtru l-kotba għal-librerija pubblika.

vi. Memo 46 titratta dwar li l-Kunsilli għandhom jiftħu nhar ta' Sibt filgħodu. Id-Dipartiment informa lill-Kunsilli biex javżaw lill-ħaddiema tagħhom u jaraw min jista' jaħdem is-Sibt. Għal dan il-għan il-Kunsill jista' jagħti overtime jew time off in lieu lil dawk l-impjegati li jaċċettaw li jaħdmu nhar ta' Sibt filgħodu bejn it-8.30am u l-11.00am. Din l-iskema hija fuq bażi volontarja u għalhekk il-ħaddiema għandhom kull dritt li ma jaċċettawx li jaħdmu s-Sibt. Is-Segretarju Eżekuttiv ma jistgħax jieħu overtime iżda time off in lieu. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara li kien informa lill-ħaddiema dwar din il-Memo, l-Asst. Principle Mary Haber qaltlu li ma tistgħax tidħol ix-xogħol nhar ta' Sibt filwaqt li s-Senior Clerk Bernardette Vella se tkun tista' taħdem is-Sibt. Bernardette Vella għażlet li tieħu time off in lieu. Is-Segretarju qal li huwa kien lest li jidħol meta Bernardette Vella ma tkunx tista' tidħol xogħol is-Sibt. Il-Kunsill qabel li għandna navżaw lid-Dipartiment dwar dan l-arranġament.

vii. M'Angelo Camilleri reġa' informa lill-Kunsill dwar il-ktieb li se jippubblika dwar folklor, Storja u Biografija. Huwa qal li l-ħsieb tiegħu huwa li jiġbor l-artikli ta' missieru Wenzu Camilleri fi ktieb li jibqa' jinqara mit-tfal tallum u b'hekk ħafna mid-drawwiet antiki jibqgħu magħrufa. Huwa ppropona li l-Kunsill jixtri 150 ktieb għall-prezz ta' €3 'l wieħed. Fl-aħħar laqgħa l-Kunsill kien diġa iddiskuta dwar dan il-ktieb u kien iddeċieda li jixtri 25 ktieb. Il-Kunsill qabel li għandu jżomm mal-istess deċiżjoni.

viii. Omar Camilleri f'isem is-Soċjeta Filarmonika Prekursur talab informazzjoni dwar meta ser isir Jum ix-Xewkija u biex ikun jaf jekk il-banda hiex ser tieħu sehem. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Soċjeta Filarmonika Prekursur tibgħatilna l-programm li bi ħsiebhom jagħmlu. Il-Kunsill qabel li nitolbuhom biex għal din is-sena joħorġu b'xi programm differenti minn tas-soltu u b'hekk il-mistiedna u r-residenti preżenti għall-programm ta' Jum ix-Xewkija isegwu b'aktar interess.

ix. Is-Segretarju Parlamentari Mario De Marco nforma lill-Kunsill dwar il-ġimgħa ddedikata għall-bnadar magħrufa bħala 'Il-Gimgħa tal-Bnadar'. Huwa qal li din hija tradizzjoni Maltija u għalhekk għandna nħeġġu lil kull min għandu arblu biex itella' bandiera fil-ġimgħa bejn it-8 u l-15 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu l-avviżi dwar din l-attivita.

x. Il-Perit Walter Portelli nforma lill-Kunsill bl-emendi li saru fil-pjanta dwar il-proġett ta' Triq Mġarr wara li kien iddiskuta mal-Kunsill waqt laqgħa li kienet saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-Laqgħa li qed jirreferi ghaliha l-Perit Portelli saret nhar il-Ħamis 6 ta' Awwissu 2009 u preżenti kien hawn is-Sindku, il-Kunsillier Hubert Saliba u s-Segretarju Eżekuttiv. Matul dik il-laqgħa l-Perit Portelli kien spjega kif ser isir il-proġett ta' Triq Mġarr. Is-Sindku u l-Kunsillier Saliba ġibdulu l-attenzjoni dwar diversi proposti li l-Kunsill ilu jixtieq li jressaq quddiem l-ADT. Il-Perit Portelli ġab il-Kunsill il-pjanti lesti u għalhekk id-deċiżjonijiet kienu diġa meħuda u fil-fatt skond kif qal l-Peritt Portelli stess, diġa hemm il-permessi meħtieġa. Il-Kunsill ma qabilx mal-

mod kif imxew magħna peress li l-Kunsill ma ġie ikkonsultat qatt minkejja li ktibna ħafna ittri fejn tlabna biex niltaqgħu mal-Awtoritajiet kompetenti u niddiskutu dwar dan il-proġett. Issa wara li saret il-laqgħa tas-6 ta' Awwissu, il-Perit Portelli bagħat pjanti emendati iżda xorta ma jirriflettux il-proposti li għamel il-Kunsill speċjalment biex isir traffic management system fil-parti fejn hemm l-entratura għall-HOS tal-Barmil, bil-konsegwenza li l-periklu li diġa jeżisti se jiżdied u mhux jonqos.

Għalhekk il-Kunsill qabel li għandna nerġgħu nitolbu li niltaqgħu mal-Perit Portelli biex niddiskutu aktar dwar dawn il-problemi u kif jistgħu jiġu solvuti.

xi. L-Ing. Renzo Curmi (CM dwar Street Lighting) bagħat kopja tat-tender dwar manutenzjoni tad-dwal tat-toroq. Huwa talab lill-Kunsilli biex jekk għandhom xi proposti dwar dan id-dokument jgħadduhomlu sal-24 ta' Awwissu u b'hekk wara jkunu jista' jiġi ffinalizzat u toħroġ sejħa għall-offerti.

xii. Il-Mepa approvat il-permess 7844/06 dwar Waste Transfer Station fl-inħawi tal-Kus, ix-Xewkija. Il-Kunsill qabel unanimament li m'għandux isir appell dwar dan il-permess in vista wkoll li l-Wasteserv Ltd diġa lestiet u anke beda jaħdem is-Civic Amentiy Site fl-istess inħawi (Tal-Kus). Il-Kunsill innota wkoll li l-fdalijiet storiċi li kien hemm fl-inħawi fejn inbniet is-Civic Amenity Site ġew dokumentati.

xiii. Fr Charles Cini nforma lill-Kunsill dwar il-ktieb li għadu kif ppubblika – Ruins of a Megalithic Temple of Xeuchia. Dan il-ktieb li huwa dwar ix-Xewkija jiswa' €40. Il-Kunsill qabel li nordnaw għaxar kotba u nitolbuh li jagħtina wieħed b'xejn.

## 5. Materja oħra

i. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li waqt laqgħa li saret mal-Perit David Vassallo u Ruben Said (ADT) dwar proposti tat-traffiku pendenti li għandu l-Kunsill, issemmew ukoll sabiex jinżebħu sinjali sofor fi Triq Santa Marija (fejn pjazza ta' spagu), fi Triq Ċanga (fil-kantuniera ħdejn Triq Sapiano) u fi Triq is-27 ta' Novembru (kantuniera ma' Triq Ta' Ġokk. Dawn huma kollha kantunieri perikolużi. L-ADT diġa bagħtet l-approvazzjoni biex isiru dawn is-sinjali. Il-laqgħa imsemmija hawn fuq saret fil-5 ta' Awwissu u kienu preżenti s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Perit Vassallo informa lill-Kunsill li meta jkun hemm proposti biex isiru sinjali sofor fil-kantunieri dawn jistgħu jsiru mill-ewwel mingħajr ma l-Kunsill joqgħod jistenna l-approvazzjoni tal-ADT peress li l-liġi tgħid li ħadd ma jista' jipparkja sa ħames metri minn kantuniera. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ordnat ix-xogħol biex isiru dawn is-sinjali. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kien ġie John Vella ta' Dar is-Sliem, Triq Indri Borg, jilmenta dwar sinjali sofor li saru fil-kantuniera ta' Triq l-Għarus ma' Triq Indri Borg. Huwa qal li issa mhux ser ikollu fejn jipparkja. Huwa ppropona wkoll biex isiru sinjali sofor fi Triq l-Għarus kantuniera ma' Triq Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta biex isiru sinjali sofor fi Triq l-Għarus kantuniera ma' Triq Mġarr ix-Xini. Dwar l-ilment ta' John Vella, il-Kunsill ma qabilx li għandu jneħħi s-sinjali sofor ta' Triq l-Għarus kantuniera ma' Triq Indri Borg. Kullħadd jaf li fil-kantuniera, anke jekk m'hemmx sinjali sofor, ma tistax tipparkja sa ħames metri kif spjegat aktar 'l fuq.

ii. Dick Boonstoppel ta’ Rotunda, Triq Torri Tingi, ilmenta dwar ħsejjes kontinwi ta’ trakkijiet li jgħaddu minn fejn tiegħu. Huwa talab li ssir xi ħaġa biex it-trakkijiet ma jibqgħux jgħaddu minn din it-triq iżda jgħaddu minn Triq Kav. L. Z. Haber lejn il-Heliport. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-problema. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-approvazzjoni tal-ADT biex fi Triq il-Kav. L. Z. Haber, fejn l-impjant ta’ Vella Bros., teħel tabella li tindika li vetturi kbar ma jistgħux jgħaddu minn dik it-triq ħlief biex jagħtu servizz. B’hekk din il-problema tista’ tittaffa xi ftit.

iii. Martin Grima ta’ 25 Triq in-Naġġara talab lill-Kunsill biex titranġa t-triq quddiem tiegħu peress li fix-xitwa qed iżomm l-ilma tax-xita. Huwa qal li jekk il-Kunsill jagħtih il-materjal (cold asphalt), huwa lest li jagħmel ix-xogħol meħtieġ. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-problema tal-ilma fl-HOS tal-Barmil. Din hija problema li ilha teżisti minn ftit wara li saru t-toroq tal-HOS tal-Barmil bit-tarmak. Dawn kienu saru mill-Gvern Ċentrali u mhux mill-Kunsill. Peress li f’dawn l-inħawi kien hemm ħafna radam, it-toroq niżlu xi ftit u għalhekk hemm ħafna postijiet li jżomm l-ilma fihom. Il-Kunsill mhux finanzjarment possibbli għalih li jaqla’ u jerġa’ jagħmel it-toroq kollha ta’ dan l-HOS. Il-Kunsill lanqas iħoss li għandu jirranġa problema ta’ resident wieħed u l-kumplament jitħallew bil-problema jew agħar minn hekk titfa’ l-problema fuq ħaddieħor. Għalhekk il-Kunsill ma qabilx li għandu jagħti xi materjal lil Martin Grima biex jagħmel xi xogħol fit-triq.

iv. Paul Camilleri ta’ Plot 70, Ta’ Ġokk, talab lill-Kunsill biex jagħmel sinjali sofor quddiem tiegħu biex ħadd ma jkun jista’ jipparkja, lanqas hu stess. Paul Camilleri informa lill-Kunsill li meta jipparkjaw quddiem tiegħu, qed ikun hemm ħafna problemi biex it-traffiku li jkun ġej minn Triq is-27 ta’ Novembru, idur ’l isfel jew ’l fuq. Triq is-27 ta’ Novembru, tiġi faċċata tad-dar tiegħu. Huwa qal ukoll li hu stess ma jipparkjax hemm għax jaf bil-problema. Iżda residenti oħra jipparkjaw bil-konsegwenza li kull darba li jeħel it-traffiku, jispiċċaw iħabbtu lilu (id-dar) biex ineħħi l-vettura għax jaħsbuha tiegħu. Il-Kunsill qabel li naplikaw mal-ADT dwar din il-proposta u jekk tiġi approvata jsiru s-sinjali tat-traffiku.

v. Mary Xerri ta’ Triq il-Kbira lmentat dwar irwejjaħ (tad-demel) li qed ikun hawn madwar ir-raħal. Hija lmentat ukoll sabiex jinħaslu l-mirja tat-traffiku peress li mhux qed ikun jidher xejn minnhom. Il-Kunsill huwa konxju dwar il-problema tal-irwejjaħ u anke saru rapporti. Dwar il-mirja tat-traffiku, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dawn kienu diġa ġew imnaddfa ftit tal-jiem ilu.

vi. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill dwar ilment anonimu biex jittella reċint u tinżabar siġra fi Triq Ċanga peress li qed ikun hemm ħafna ħmieġ. Il-Kunsill qabel li qabel tittieħed xi azzjoni dwar dan l-ilment għandna nivverifikaw jekk dan l-ilment huwiex minnhu. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-knis kien infurmah dwar dan l-ilment u b’hekk jekk hemm xi ħmieġ fit-triq imsemmija, dan għandu jitnaddaf.

vii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet irċeviet ilmenti dwar il-boarding/alighting li l-ADT għamlu dan l-aħħar fi Triq San Bert biex jintuża minn ‘Sightseeing busses’. Dawn il-marki tat-traffiku tellfu diversi parking fl-istess triq u għalhekk ir-residenti lmentaw dwar dan. Is-Sindku diġa ltaqgħet fuq il-post ma’ Ruben Said tal-ADT u

anke sar qbil li din għandha ssir fil-pjazza u b'hekk ma ttellifx mill-parking ta' Triq San Bert u lanqas tal-pjazza. Ix-xogħol meħtieġ ser isir mill-ADT.

viii. Il-Wasteserv Ltd laqgħu t-talba tal-Kunsill biex jagħtuna żewġ pots oħra mill-kbar b'siġra taż-żebbuġ u fjuri biex jitpoġġew fi Pjazza San Ġwann Battista u b'hekk inkomplu nagħtu dehra isbaħ lill-istess pjazza. Il-Kunsilliera Marthese Portelli se tikkkordina biex dawn il-pots inkunu nistgħu nġibuhom.

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.15pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 18 ta' Settembru, 2009 fis-7.00pm.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku